**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti jitolbu l-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 944/2013, tat-2 ta' Ottubru 2013, li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (iktar 'il quddiem ir-"Regolament CLP") (ĠU L 261, p. 5), sa fejn dan ikklassifika ż-żift tal-qatran tal-faħam b'temperatura għolja Nru°CAS 65996-93-2 (iktar 'il quddiem is-"CTPHT") fil-kategoriji H400 (tossiċità akkwatika akuta 1) u H410 (tossiċità akkwatika kronika 1) (iktar 'il quddiem l-"att ikkontestat").

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tlett motivi:

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-att ikkontestat sa fejn dan tal-aħħar jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti REACH u CLP dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi abbażi tat-tossiċità tagħhom għall-ambjent akkwatiku u li jikkonċernaw l-istudji li għandhom jiġu aċċettati għal dan il-għan, u sa fejn l-att ikkontestat jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament peress li l-awtur tiegħu ċaħad l-istudji mwettqa b'mod konformi mal-linji gwida fuq l-applikazzjoni tar-regolament REACH u dawk tal-OECD u talab ittestjar li ma huwa bbażat fuq ebda metodu standardizzat aċċettat.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-att ikkontestat sa fejn dan tal-aħħar huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-awtur tiegħu ma kkunsidrax il-proprjetajiet inerenti intrinsiċi tas-CTPHT li jammontaw b'mod partikolari għal varjabbli importanti fl-ittestjar bid-dawl UV u fl-applikazzjoni tal-metodu tas-somma, huwa stabbilixxa l-fatturi M għall-kostitwenti PAH mingħajr eżami adegwat tal-istudji li għalihom irrefera u ċaħad l-informazzjoni fornuta mir-rikorrenti mingħajr ġustifikazzjoni valida.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-att ikkontestat sa fejn dan tal-aħħar kiser il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni tat-trasparenza u tad-drittijiet tad-difiża.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2014 — Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-27/14)**

(2014/C 85/38)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Vláčil u T. Müller, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla s-sejħa tal-Kummissjoni Ewropea C(2013) 7221 finali, tal-4 ta' Novembru 2013 għall-irtirar tad-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Industrija tar-Repubblika Ċeka li tagħti deroga, għall-faċilitajiet ta' ħażna tal-gass f'Dambořice, mir-regoli legali nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva 2003/55/KE [1] dwar ir-regoli għall-aċċess ta' terzi u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 266(1) TFUE

— F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li meta l-Kummissjoni adottat d-deċiżjoni kkontestata, hija aġixxiet b'mod li jmur manifestament kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2013, Globula vs Il-Kummissjoni, T-465/11.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 22(4) tad-Direttiva 2003/55/KE

— Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata wara l-iskadenza tat-terminu previst fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva 2003/55/KE.

[1] Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230).

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2014 — Laverana vs UASI (BIO — INGRÉDIENTS VÉGÉTAUX — PROPRE FABRICATION)**

**(Kawża T-30/14)**

(2014/C 85/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laverana GmbH & Co. KG (Wennigsen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Wachinger u M. Zöbisch, avukati)